# Il-Ħadd 03.04.2022

1. Illum 03/04, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**
   ***u tkompli l-Viżta Appostolika tal-Papa Franġisku f'Malta***:
   - Tajjeb li nkomplu noffru t-talb tagħna għall-Papa u għas-suċċess spiritwali ta' din iż-żjara;
   - Infakkar li fil-parroċċa tagħna, il-quddies ser ikun f'dawn il-ħinijiet:
     - fis-6:45am,
     - **tad-9:00am mhux ser issir**
       **(lanqas waħda fit-8:00am kif kien avżat il-Ħadd li għadda )**
       ***Dan biex bħala saċerdoti nkunu nistgħu nieħdu sehem fil-quddiesa mal-Papa.***
       - ***Trasport organizzat mill-parroċċa għal dawk li nkitbu ser jitlaq fis-7:30am***
       - ***Quddiesa mill-Papa tibda fl-10:15am***
     - fis-6:00pm.
   - Naturalment inkomplu inħeġġukom issegwu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet,
     jekk mhux fiżikament, minn fuq it-televiżjoni u l-mezzi tax-xandir.
2. Il-Ħamis 07/04**, Jum ir-Rikonċiljazzjoni**:
   - *Filgħodu - Qabel u wara l-ħin tal-quddies.*
   - *Filgħaxija - Mill-5:00pm 'il quddiem.*
   - Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra minn tal-MUSEUM u fis-6:30pm - Quddiesa.
     *N.B.* ***Naħsbu għal Qrara tajba.***
3. Il-Ġimgħa 08/04, **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
   - *AM:-* Mis-7:00am sas-7:20am - Qrar; Fis-7:30am - Quddiesa;
   - *PM:-* Mill-5:30pm 'il quddiem - Qrar; Fis-6:30pm - Quddiesa kantata.
     Wara l-Quddiesa - Eżerċizzju tal-Addolorata.
   ***N.B. Il-Pellegrinaġġ ser isir it-Tnejn 11/04 filgħaxija.***
4. Is-Sibt 09/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
5. Il-Ħadd 10/04, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:45am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fid-9:00am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn:
     Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola,
     Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-Knisja Parrokkjali.
   - Fid-9:15am - Inkomplu l-quddiesa li fiha t-tfal tal-katekiżmu joffru l-Karus ta' Mħabba.
6. It-Tnejn 11/04, **Pellegrinaġġ Devozzjonali tad-Duluri**:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa
   - Fis-7:00pm - Pellegrinaġġ li jgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq S. Pawl, Triq S. Ġużepp, Triq S. Ġorġ, Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq S. Tumas, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.
7. Avviżi oħra:
   - Min jixtieq jerfa' fid-Duluri mitlub jidħol jinkiteb fis-Sagristija.
   - Mill-Ġimgħa 08/04 jibda jkollna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 28, Triq Dun Ġużepp Caruana.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 120 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 350 bħala donazzjonijiet b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr.
   - € 25 (b'kollox € 960) bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna. Grazzi.
   Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn
   is-**Sanitizing Points.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.
9. Nitolbu għal Salvu Zammit li għadda għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...